**KUNSILL LOKALI SAN ĠILJAN**
**Triq Forrest, San Ġiljan, STJ 2033**
Tel: 21373111 Fax: 21373444
*e*mail: sangiljan.lc@gov.mt

**Rif Minuti 07/K7/12**

**Nru tal-laqgħa minn 07/04/'94 – 25/09/'12 290**

**Nru ta' seduti minn 07/04/'94 – 25/09/'12 345**

## 1. Introduzzjoni

1.01 Minuti tal-laqgħa ta' nhar it-Tlieta 25 ta' Settembru 2012

1.02 Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv, Triq Forrest, San Ġiljan, fit-3.00 p.m.

1.03 Preżenti: Is-Sindku Peter Bonello
Il-Viċi Sindku Charles Camenzuli
Il-Kunsillier Anthony Grech
Il-Kunsilliera Rita Dimech Portelli
Il-Kunsillier Norman Vella
Il-Kunsillier John Agius
Il-Kunsilliera Irene Borg
Il-Kunsillier Richard Scicluna
Is-Segretarju Eżekuttiv Helen Walker
L-iskrivana Cher Carmen Fenech.

1.04 Skużat: Il-Kunsillier Alex Grech.

1.05 Preżenza tal-Pubbliku:- (1).

1.06 Is-Sindku Peter Bonello ppresieda l-laqgħa.

## 1.1 Talba

1.1.01 Inqrat it-Talba.
1.1.02 Il-Kunsillier Norman Vella nforma lill-Kunsill li l-Kunsillier Alex Grech ma setax jattendi minħabba x-xogħol.

1.1.03 Is-Sindku ġibed l-attenzjoni li l-proċedura meta xi ħadd ma jkunx jista' jattendi għal-laqgħa hija li tintbagħat notifika bil-miktub lis-Segretarju Eżekuttiv biex tinġieb għal attenzjoni tal-Kunsill. Min ma josservax din il-proċedura jitniżżel bħala assenti.

1.1.04 Il-Kunsill qabel unanimament li għal din id-darba l-Kunsillier Alex Grech jitniżżel skużat dment li jipprovdi bil-miktub ir-raġuni ta' l-assenza tiegħu.

**1.2 Aġenda**

1.2.01 Il-Kunsill mexa' fuq l-avviż li ġie ppubblikat fl-20 ta' Settembru 2012. L-Aġenda kienet hekk:-

1. Approvazzjoni ta' Minuti
2. Korrispondenza
3. Ġnien Saver Zarb
4. Kumpless Dun Anton Sciberras
5. Dog Litter Bins
6. Approvazzjoni għall-Pagamenti tal-Kontijiet
7. Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets

**1.3 Approvazzjoni ta' Minuti**

1.3.01 Iċ-Ċermen ressaq il-Minuti 06/K7/12 għall-approvazzjoni.

1.3.02 Il-Kunsilliera Irene Borg pproponiet l-approvazzjoni tal-Minuti 06/K7/12.

1.3.03 Il-Kunsilliera Rita Dimech Portelli ssekondatha.

1.3.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

**Minuti - Kumitat Amministrattiv**

1.3.05 Il-Kunsill approva unanimament il-Minuti 22c/KA1/12 u 23/KA1/12 tal-Kumitat Amministrattiv Paceville (Ara Appendiċi 'A' u 'B').

**2 Korrispondenza**

2.01 Fuq il-mejda tal-konferenza tqegħdet il-korrispondenza li nqrat miċ-Ċermen. Dawn huma:-

| **Rif. Nru.** | **Korrispondenza** |
|---|---|
| Rif. Nru. | Korrispondenza |
| 4693 | Email mingħand is-Sur David Tortell rigward it-tneħħija ta' *sleeping policeman*. |
| 4778 | Email mingħand il-Malta Planning & Design Consultants rigward il-proġett tal-Public Private Partnership. |
| 4896 | Email mingħand is-Sur Jason Zammit rigward FIMBank p.l.c. |
| 5037 & 4394 | Email mingħand Ms Isabelle Cordina Pace rigward pledging tal-Insurance policy. |
| 5219 | Email mingħand id-Dipartiment tas-saħħa rigward it-titqiba ta' l-influwenza. |
| 5324 | Email mingħand id-Dipartiment tal-Gvern Lokali rigward Memo 24/2009 – Aċċessibilita' Aħjar. |
| 5381 | Email mingħand il-Ministeru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali rigward il-parkeġġ fi Triq Sant' Elija. |
| 5456 | Email mingħand l-active-enterprises rigward ir-riklami fuq il-barriers. |
| 5458 | Ittra mingħand il-Green MT rigward il-ftehim ġdid għall-Ġbir ta' Skart tal-Ippakeġġjar. |
| 4804 | Ittra mingħand il-Partit Laburista dwar il-'***Laqgħa maċ-Chairman Hamlet Paceville San Ġiljan'.*** |
| K1106 | Ittra lic-Chairperson u lil-Membri tal-Kumitat Amministrattiv Paceville rigward il-laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv Paceville. |
| 5489 | Email mingħand Fr Saviour Grima rigward il-logo tal-Millennium Chapel. |

5499 Ittra mil-Parroċċa San Ġiljan rigward l-isem tal-pont bejn il-Knsija Parrokkjali u Triq Wied Għomor.

**Fost l-ittri li nqraw ġew diskussi:-**

**Rif. Nru. 4693**

2.02 Saret riferenza għal-email minghand is-Sur David Tortell rigward it-tneħħija ta' *sleeping policeman*. Ġie deċiż unanimament illi s-Sindku u l-Kunsilliera jiltaqgħu mas-Sur David Tortell sabiex tiġi spjegata r-raġuni għaliex tneħħiet is-*sleeping policeman*.

**Rif. Nru. 4778**

2.03 Saret riferenza għal-email mingħand il-Malta Planning & Design Consultants rigward ix-xogħolijiet tat-toroq tal-Public Private Partnership. Iċ-Ċhairman nforma lill-Kunsill li d-diskuta din il-materja mal-Perit Manuel Zammit u li x-xogħolijiet għandhom jitkomplew fi zmien qasir.

**Rif. Nru. 4896**

2.04 Saret riferenza għal-email mingħand is-Sur Jason Zammit rapprezentant tal-FimBank p.l.c. Iċ-Ċhairman informa lill-Kunsill li diġa kellu kuntatt mas-Sur Zammit minħabba li ġie avviċinat mill-kor ta' San Giljan sabiex jingħataw donazzjoni.

2.04 Wara diskussjoni ġie deċiż unanimament illi ssir laqgħa mas-Sur Jason Zammit biex:-

a) Jiġi diskuss il-parteċipazzjoni u l-kotrabuzzjoni tal-Bank fl-attivitajiet u proġetti tal-Kunsill;

b) Jiġi diskuss it-talba tal-Kor ta' San Ġiljan.

2.05 B'din il-laqgħa għandhom jiġu nfurmati l-Kunsillera kollha.

**Rif. Nru. 5037 & 4394**

2.06 Saret riferenza għal-email mingħand Ms. Isabelle Cordina Pace rigward '*pledging of insurance policy'*. Ġie deċiż unanimament li:-

a) is-Segretarju Eżekuttiv u s-Sindku jiffirmaw il-pledge form biss bħala rappreżentanti tal-Kunsill.

b) Jiġi rranġat l-isem Paul għal-Peter.

**Rif Nru. 5219**

2.07 B'riferenza għall-email mingħand id-Dipartiment tas-saħħa l-Kunsill ġie nfurmat illi għal sena oħra konsekuttiva ser terga' tiġi offruta t-tilqima ta' l-influwenza.

**Rif Nru. 5381**

2.08 Saret riferenza għal-email mingħand il-Ministeru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali rigward il-parkeġġ fi Triq Sant' Elija. Ġie deċiż unanimament li din l-ittra tiġi riferuta lit-Transport Malta fejn issir talba għal-laqgħa '*onsite'* sabiex tiġi diskussa din il-materja kif ukoll it-tqassim tat-traffiku fil-'*village core*'.

**Rif Nru. 5456**

2.09 Saret riferenza għal-email mingħand l-Active Enterprises rigward talba biex jiġu nstallati aktar '*barriers'* bir-reklami. Ġie deċiz unanimament li jekk m'għandux pagamenti pendenti jinħariġlu l-permess in-naħa ta' San Ġiljan.

**Rif Nru. 5458**

2.10 Saret riferenza għal-email mingħand il-GreenMT rigward il-ftehim ġdid għall-Ġbir ta' skart għall-Ipparkeġġjar. Ġie deċiż unanimament illi tissejjaħ laqgħa mal-GreenMT u jiġu nfurmati l-Kunsilliera.

**Rif Nru. 4804**

2.11 Saret riferenza għall-ittra mingħand il-Partit Laburista dwar il-'***Laqgħa maċ-Chairman Hamlet Paceville San Ġiljan***'.

2.12 Iċ-Ċermen wera d-disapprovazzjoni tiegħu għal fatt li :-

a) ma kienx mistieden għal din il-laqgħa u minħabba li din saret ġo Kazin ;

b) ġew diskussi akwati li ma jaqgħux taħt il-kompetenza tal-Kunsill.

2.13 Iċ-Ċermen ġibed l-attenzjoni li bħal ma jaf il-Kunsill ta sikwiet isiru laqgħat mal-Pulizija fejn jiġu diskussi il-materji li ssemmgħu fl-ittra. Fil-fatt nhar it-Tnejn 17 ta' Settembru 2012 saret laqgħa mal-Pulizija dwar Paceville nġenerali. Għal din il-laqgħa kienu preżenti:-

2.14 Għall-Pulizija:- il-Kumissarju tal-Pulizija s-Sur John Rizzo l-Assistent Kumissarju s-Sur Raymond G Zammit, is-Supretendent Stephen Gatt.
Ghall-MHRA:- is-Sur Philip Fenech
Ghall-Kunsill:- is-Sindku Peter Bonello
Ghall-Kumitat Amministrattiv Paceville:- m'attendiex iċ-Chairperson .

2.15 Waqt din il-laqgħa s-Sindku Peter Bonello semma l-problemi u l-inkonvenjent li kontinwament qed jolqtu lir-residenti, fosthom il-mużika għolja, il-vandaliżmu kemm ta' l-istudenti barranin kif ukoll tal-Maltin li jżuru l-lokalita'. Is-Sindku aċċenna li ma jistgħax jibqa' jiġi aċċettat li biex jiddeverti l-pubbliku, l-propjeta' tar-residenti nkluż il-parapetti qegħdin ta' kull ġimgħa jiġu vvandalizati. Għalhekk saħaq li għandu jkun hemm aktar pulizija pajżana fuq il-beat. Is-Sindku semma wkoll il-problema tat-traffiku u li għandu jsir minn kollox biex f'Paceville ma jibqgħax ħruġ u dħul wieħed. Is-Sindku ssuġġerixxa li bi prova Triq id-Dragunara tiġi li tinżel minnha biss wara l-10.00p.m.. Issuġġerixxa ukoll li għandu jsir studju dwar l-istaġes u l-*bus stops*.

**Rif Nru. 5489**

2.16 Saret riferenza għall-email mingħand Fr. Saviour Grima rigward is-servizz ta' Wi-Fi li qed jiġi provdut lill-Millenium Chapel li wasal biex jiskadi. Ġie deċiż unanimament illi din it-talba titressaq quddiem il-Kumitat Amministrattiv

Paceville peress li Triq il-Knisja taqa' taħt il-konfini ta' Paceville.

**Rif Nru. 5499**

2.17 Saret riferenza għal-ittra mingħand il-Kappillan tal-Paroċċa ta' San Ġiljan dwar suġġeriment għal isem tal-pont bejn il-Knisja Parrokjali u Triq Wied Ghomor. Ġie deċiż unanimament li l-Kappillan jiġi nfurmat li jeżisti Avviż Legali dwar it-Tismija tat-Toroq u li t-talba li saret ma taqax taħt il-kriterja ta' dan l-Avviż Legali.

## 3. Ġnien Saver Zarb

3.01 B'riferenza għall-istima tal-Ġnien Saver Zarb (Ara Appendiċi 'C'), ġie deċiż unanimament illi l-Kunsill japplika għal fondi ta' l-Urban Improvement Funds sabiex jiġi rranġat il-ġnien u fl-istess waqt ser jiġu osservati l-proċeduri finanzjarji.

## 4. Kumpless Dun Anton Sciberras

4.01 B'riferenza għall-Kumpless Dun Anton Sciberras, inġibded l-attenzjoni tal-Kunsill li ġie nstallat il-*main* ta' l-ilma u li ntbagħat *draft* tat-tender (Ara Appendiċi 'D') għal-attenzjoni tal-Kunsilliera.

4.02 Wara diskussjoni ġie deċiż unanimament li jinħareġ it-tender biex il-Kumpless Dun Anton Sciberras jigi amministratt minn terzi.

## 5. Dog Litter Bins

5.01 B'riferenza għad-dog litter bins, inġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill għal Inc. 4800/12 u reġgħet ġiet ippreżentata kopja tal-iskeda għall-kwotazzjoni nru. 5/12 – Supply & Installation of 18 Dog Litter Bins (Ara Appendiċi 'E' u 'F').

5.02 Wara diskussjoni qasira l-Kunsillier Richard Scicluna ppropona li tingħażel l-offerta ta' Anton Zarb Cast Iron Products.

5.03 Il-Kunsilliera Irene Borg issekondatu.

5.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

5.05 Ġie deċiż unanimament li t-tmintax il-'dog litter bins' jitwaħħlu kif ġej:-

a) Triq il-Qalb Imqaddsa ħdejn Casa Leone
b) Triq B'Kara hdejn il-Gnien Saver Zarb
c) Triq Sir Joseph Carbone faċċata ta' Pisani Household
d) Triq ta' Ġiorni mal-ħajt tal-Kulegg ta' l-Għarab bejn l-ewwel u t-tieni bus stop
e) Triq William Hardman ħdejn il-Kumpless Dun Anton Scibberas
f) Triq Ta' Ġiorni ħdejn il-ġnien iż-żgħir
g) Triq Albert Mayr ħdejn Blokk E
h) Fil-Pjazza Balluta
i) Triq G.B. Olivier in-naħa ta' Wesgħet Ġużè Tanti ħdejn il-Park Towers
j) Triq Alfred Gauci fil-bidu
k) Triq il-Kbira faċċata tal-Knisja tal-Karmnu
l) Triq il-Kbira ħdejn in-Neptunes
m) Triq G. B. Olivier faċċata tal-Ġelat D'Oro
n) Triq Lapsi ħdejn il-parking tal-Knisja parrokjali
o) Triq Hans Stumme ħdejn il-ġibjun
p) Triq il-Klarrisi wara l-Joem Petrol Station
q) Xatt is-Sajjieda ħdejn il-Banis
r) Fit-tarf ta' Triq Claire E. Engel faċċata tar-razzett

5.06 Ġie deċiż unanimament li meta jkunu ser jitwaħħlu dawn il-bins jiġi nfurmat il-Kunsillier Anthony Grech sabiex ikun preżenti.

5.07 B'riferenza għat-tbattil u ħasil tad-dog litter bins, il-Kunsill irċieva kwotazzjoni mingħand il-Kuntrattur Raymond Attard (Ara Appendiċi 'G').

5.08 Wara diskussjoni qasira ġie deċiz unanimament illi l-Kunsill jaċċetta l-kwotazzjoni tal-Kuntrattur Raymond Attard għat-tbattil u l-ħasil tad-*dog litter bins*.

5.09 Il-Vici Sindku Charles Camenzuli wasal fil-5.00p.m.

**6. Approvazzjoni għall-Pagamenti tal-Kontijiet**

6.01 Iċ-Ċermen ressaq il-pagamenti għall-approvazjoni (Ara Appendiċi 'H').

6.02 Il-Kunsillier Norman Vella ppropona l-approvazzjoni għall-pagamenti tal-kontijiet.

6.03 Il-Kunsillier Anthony Grech issekondah.

6.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

**7. Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets**

7.01 Iċ-Ċermen ressaq il-Purchase Request Sheets minn Nru. 3265 sa 3284 għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi 'I').

7.02 Il-Kunsillier Anthony Grech ippropona l-approvazzjoni tal-Purchase Request Sheets minn Nru. 3265 sa 3284.

7.03 Il-Kunsilliera Rita Dimech Portelli issekondatu.

7.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

7.05 Iċ-Ċermen talab sospensjoni tar-regolamenti sabiex jiġu diskussi materji oħra.

7.06 Ma kienx hemm oġġezzjoni.

**8 Materji Oħra**

8.01 Il-Kunsill ġie nfurmat illi peress li mhuwiex sodisfatt bis-servizz tal-'*maid*' din ser tinbidel.

8.02 Ġie deċiż unanimament li:-

a) darba fil-gimgħa filgħaxija membru tal-Kunsill ser ikun qiegħed idur il-lokalita' mal-Kuntrattur sabiex jaraw x' bozzoz hemm maqtugħin, biex jiġu rranġati.

b) tintbagħat ittra lill-Ministeru għall-Affarijiet Barranin u lill-Kullegg ta' l-Arab peress li l-ħajt ta' madwar il-bini tal-kulleġġ jinsab fi stat perikoluż u huwa ta' periklu għal pubbliku.

c) tinġbed l-attenzjoni tal-kuntratturi kollha li għandhom ikunu aktar effiċenti u li l-Kunsill m'għandux jagħmel pagamenti għal xogħolijiet li ma jkunux kompluti.

d) issir laqgħa oħra mal-kuntrattur tal-ġbir ta' l-iskart u jiġu nfurmati l-Kunsilliera kollha biex jattendu u l-Contracts Manager.

8.03 Il-Kunsill ġie nfurmat li sar transfer ta' €30,000 mill-BOV għall- HSBC.

8.04 Il-Kunsill ġie nfurmat illi għalaq it-tender tat-titjieb taz-Zoni Esterni fil-Housing Estate f'Ta' Giorni. Il-Kunsill irċieva żewġ offert, waħda mingħand is-Sur Dennis Incorvaja u oħra mill-LK Ltd. (Ara Appendiċi 'J') Inġibded l-attenzjoni tal-Kunsill li s-Sur Incorvaja ma kitibx id-dettal fuq l-'envelope' skont l-avviż filwaqt li l-LK Ltd ma kitibx id-dettal kollu. Kopja ta' dawn l-offerti ser tingħata lill-MP&DC, il-Periti tal-Kunsill għal-evalwazzjoni tagħhom.

8.05 Il-laqgħa tal-Kunsill li jmiss ser isir nhar it-Tlieta 23 ta' Ottubru 2012 fit-2.00p.m.

8.06 Il-Kunsilliera Irene Borg ġiet skuzata fis-6.00p.m.

8.07 Iċ-Ċermen għalaq il-laqgħa fil-6.10p.m.

| | |
|---|---|
| **Peter Bonello** | **Helen Walker** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |